Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,469, 25 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 345 tal-2020

ATT DWAR L-INTRAPRIZA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2020 dwar Mizuri ta' Assistenza Temporanja relatati mal-COVID-19

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Intrapriża ta' Malta u bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar Miżuri ta' Assistenza Temporanja relatati mal-COVID-19.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' April, 2020.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'oħra:

Kap. 463.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa taħt l-Att;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-linji ta' gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att;

"impriża eliġibbli" tfisser impriża skont it-tifsira mogħtija fl-Att li tissodisfa l-parametri stabbiliti fil-Linji Gwida;

"Qafas Temporanju" tfisser il-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jassistu l-ekonomija fix-xenarju attwali tal-COVID-19, kif emendata u kif tista' tiġi sussegwentement emendatakif ippublikata mill-Kummissjoni Ewropea.

Għajnuna sabiex tassisti impriżi eliġibbli.

3. Fejn il-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriżi eliġibbli jeħtieġu assistenza biex isostnu, jippreservaw u jiġġeneraw l-attività ekonomika tagħhom, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi għajnuna, kif għandha tiġi stabbilita aktar fil-Linji Gwida fi kwalunkwe forma permessa mill-Att u skont il-Qafas Temporanju.

Użu ta' kreditu ta' taxxa.

4. (1) L-intrapriża li tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa skont dawn ir-regolamenti u l-Linji Gwida rispettivi, għandha tkun

intitolata, wara l-għotja ta' benefiċċju, li tnaqqas mill-ammont ta' taxxa d-dħul li hu dovut fuq id-dħul taxxabbli tagħha li jiġi ġġenerat mill-kummerċ jew negozju fis-snin tas-stima l-ammont, li hu ekwivalenti għall-kreditu ta' taxxa mogħtija.

(2) L-intrapriża li f'kwalunkwe sena ta' stima ma tagħmilx użu mill-kreditu fiskali mogħti lilha jew li ma tnaqqasx il-valur mill-ammont tad-dħul taxxabbli li jkun iġġenerat mill-kummerċ jew negozju li huwa inqas mill-kreditu fiskali mogħti, tista' tuża' l-kreditu ta' taxxa li ma jkunx utilizzat għal dik is-sena ta' stima jew għas-snin sussegwenti.

(3) Kreditu ta' taxxa mogħtija li jkun konformi mat-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji Gwida ma jistgħux jagħtu lok għal dritt ta' rifużjoni ta' taxxa.

Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

5. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna sabiex jassistu impriżi eliġibbli taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru, 2020.